I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Tas-17 ta' Mejju 2022

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal

(BĊE/2022/24)

(2022/C 210/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esteri kurrenti tal-Banco de Portugal, Deloitte & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas S.A., intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja tal-2021. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2022.

(3) Il-Banco de Portugal għażel lil PriceWaterhouseCoopers & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas, Lda. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2022 sa 2026,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li PriceWaterhouseCoopers & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas Lda. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal għas-snin finanzjarji 2022 to 2026.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 17 ta' Mejju 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE